MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-4 ta' Diċembru, 2019

Rikors Maħluf Numru 59/2018LM

**George Cuschieri**

***vs.***

**Anthony Cuschieri**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fid-19 ta' Jannar, 2018 mill-attur **George Cuschieri** (K.I. 1109644M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-attur kien vittma ta' aggressjoni fil-Bini tal-Qorti tal-Ġustizzja, fejn ġie msawwat mill-konvenut fit-30 ta' April 2009, qabel nofsinhar;*
2. *Illi konsegwenza ta' dan l-aġir doluż, abbużiv u illegali da parti tal-konvenut, l-esponenti sofra danni inġenti, li jinkludu wkoll debilità ta' natura permanenti;*
3. *Illi l-konvenut ġie misjub ħati mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) ta' din l-aggressjoni, u talli kkaġuna ġrieħi fil-persuna tal-*

*esponenti, permezz ta' sentenza mogħtija fis-7 ta' Lulju 2016, liema sentenza ġiet konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Marzu 2017;*

4. *Illi debitament interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas konsegwenzjali tad-danni kollha sofferti mill-esponenti, il-konvenut baqa' inadempjenti;*

5. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

6. *Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza tal-esponenti.*

*Jgħid il-konvenut għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni oħra neċessarja:*

1) *Tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli għall-ġrieħi sofferti mill-attur fil-ġlieda li seħħet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta' April 2009 qabel nofsinhar;*

2) *Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*

3) *Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur id-danni hekk likwidati;*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tat-12 ta' Mejju 2017, kontra l-konvenut, li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

*Dikjarazzjoni tal-Fatti tal-attur George Cuschieri (ID 1109644M):*

1. *Illi jien kont involut fi ġlieda ma' ħija Anthony Cuschieri fit-30 ta' April 2009, meta waqt diskussjoni li kellna ġewwa l-Qorti, qam għalija u tani xebgħa;*
2. *Illi riżultat ta' din il-ġlieda, jiena korrejt u sofrejt danni ta' natura permanenti;*
3. *Illi ħija Anthony instab ħati talli tani dik ix-xebgħa u korrieni, mill-Qrati;*
4. *Illi permezz tal-Avukat, tlabt lil Anthony Cuschieri jagħmel tajjeb għad-danni li sofrejt, iżda dan m'għamlux;*
5. *Illi għalhekk ma kellix għażla ħlief li nagħmel din il-kawża.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Anthony Cuschieri** (K.I. 328349M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fil-31 ta' Jannar, 2018, u maħlufa minn Anthony Cuschieri stess, li biha eċċepixxa:

1. *Illi l-esponenti jeċċepixxi li huwa ma kkaġuna ebda danni lill-attur u dana kif se jirriżulta waqt il-ġbir tal-provi u għalhekk ir-rikorrenti għandu qabel xejn iġib il-prova ta' x'danni sofra jekk dan huwa l-każ;*

2. *Illi l-inċident mertu tal-kawża seħħ minħabba aġir provokanti u reituż da parti tar-rikorrenti kif ser jiġi ppruvat;*

3. *Illi inoltre l-feriti li qed jilmenta minnhom ir-rikorrenti ma ġarrabhomx fl-inċident in kwistjoni, iżda kienu kundizzjonijiet u debulizzi fiżiċi li huwa kien isofri minnhom qabel l-inċident mertu tal-kawża kif ser jirriżulta waqt il-ġbir tal-provi;*

4. *Illi konsegwentement l-esponenti ma għandu jkun ikkundannat iħallas ebda danni kif qed jiġi pretiż;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-5 ta' Ġunju, 2019 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Fil-kawża odjerna l-attur qiegħed jitlob li l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għall-ġrieħi li huwa sofra u għad-danni konsegwenzjali subiti

minnu minħabba ġlieda li nqalgħet bejn il-partijiet fil-kawża. Fl-2009 il-partijiet, li huma aħwa, kellhom kawża ċivili kontra xulxin, u wara waħda mis-seduti li nżammet fil-preżenza tal-Assistent Ġudizzjarju fil-bini tal-Qorti, waqt li l-partijiet kienu qegħdin jippruvaw jittransiġu pendenza li kellhom bejniethom, intqal diskors dispreġattiv minn wieħed mill-partijiet fil-konfront tal-ieħor, li wassal għal aggressjoni bejniethom. L-attur jgħid li kien ħuh li tah daqqiet ta' ponn li minħabba fihom sofra feriti f'wiċċu, ksur f'imnieħru u fi snienu, u konsegwenza ta' dan huwa għadu jsofri minn debilità permanenti.

Min-naħa tiegħu l-konvenut wieġeb li mhux minnu li huwa kkawża xi danni lill-attur, li kellu problemi mediċi anteċedenti għall-inċident inkwistjoni. Il-konvenut eċċepixxa wkoll li kien ħuh li kien pprovokah u li instiga l-ġlied, u dak li għamel hu, kien biss li ddefenda lilu nnifsu minn dawn id-daqqiet.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-rikors promutur, l-attur ippreżenta kopja ta' rapport mediku redatt minn **Mr Eric J. Farrugia**, konsulent fil-qasam tal-ENT[1], li qal li huwa kien eżamina lill-attur fil-15 ta' Ġunju, 2017, fejn qal li l-attur kien għadu jsofri minn debilità permanenti wara li f'April tal-2009 kien allegatament qala' daqqa f'wiċċu, li kkawżatlu ksur fl-għadam tal-imnieħer. Il-konklużjoni ta' dan l-espert mediku kienet li konsegwenza tal-inċident imsemmi l-attur għadu qiegħed isofri minn debilità permanenti fil-grad ta' tlieta fil-mija (3%):

> *"... patient is certified to be suffering from Air Passage Deficits Class 1 (1%-9%) severity grade % (1 3 5 7 9) 3% which is* ***equivalent to 3% whole person***

[1] *A fol.* 4 tal-proċess.

> ***impairment rating** as evidenced by nasal obstruction due to deviated nasal septum anteriorly to the left and posteriorly to the right."*

L-attur ippreżenta wkoll kopja ta' deċiżjoni mogħtija fis-7 ta' Lulju, 2016 mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Anthony Cuschieri**[2], fejn il-konvenut ġie misjub ħati talli kkawża feriti ta' natura gravi fuq l-attur, u ġie kkundannat għal perijodu ta' tmintax-il xahar priġunerija, sospiżi għal tliet snin, filwaqt li l-attur George Cuschieri tqiegħed taħt Ordni ta' Protezzjoni għal perijodu ta' tliet snin.

L-attur ippreżenta wkoll kopja tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-30 ta' Marzu, 2017[3] fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Anthony Cuschieri**, fejn il-Qorti ċaħdet l-appell imressaq minn Anthony Cuschieri, il-konvenut f'dawn il-proċeduri, wara li l-Qorti qieset li dan kien eċċeda l-limiti tal-imġiba xierqa, meta ħa l-liġi b'idejh u rreaġixxa bi vjolenza fil-konfront ta' ħuh, l-attur f'dawn il-proċeduri.

Fl-*affidavit* tiegħu l-attur **George Cuschieri**[4] qal li hu u ħuh kienu involuti f'kawża ċivili kontra xulxin, minħabba allegati debiti li l-konvenut ippretenda li kienu dovuti lilu mingħand l-attur. Qal li fiż-żmien meta seħħ l-inċident, il-kawża ċivili pendenti bejn il-partijiet kienet waslet fi stadju ta' ġbir ta' provi quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr Mariella Schembri Gonzi. L-attur spjega kif fit-30 ta' April, 2009, il-partijiet dehru quddiem l-Assistenta Ġudizzjarja fil-preżenza tal-avukati difensuri rispettivi tagħhom, u wara li saret din is-seduta, kien hemm il-ħsieb li ssir laqgħa bejn il-partijiet u ħuhom ieħor dwar xi negozju li dawn kellhom bejniethom. Qal li waqt din il-laqgħa, l-avukati

---
[2] *A fol.* 6 tal-proċess.
[3] *A fol.* 29 tal-proċess.
[4] *A fol.* 48 tal-proċess.

difensuri tal-partijiet bdew jitkellmu bejniethom, u hu u ħuh bdew jitkellmu, għalkemm kien hemm nuqqas ta' qbil bejniethom. Qal li dak il-ħin ħuh beda jallega li kien ħareġ eluf ta' liri u riedhom lura, u hu beda jwieġbu li ma kienx vera li l-konvenut kien ħareġ dawk il-flus. Qal li hu u ħuh bdew jitlewmu, u f'ħin minnhom hu għajjar lil ħuh 'giddieb', u kien dan li wassal lil ħuh iqum għalih. Żied jgħid li dak il-ħin il-konvenut beda jsabbat fuq il-mejda u juża kliem dispreġattiv fil-konfront tal-attur, u fi ftit minuti ħuh dar għalih u beda juża aggressjoni fil-konfront tiegħu. L-attur qal li ħuh beda jtih bil-ponn, u f'ħin minnhom tah daqqa fuq imnieħru, bir-riżultat li kisirlu mnieħru u xi snien. L-attur kompla jgħid li konsegwenza ta' dan huwa kien spiċċa mimdud mal-art stordut u mimli dmija. Kompla jgħid li dak il-ħin anki n-nisa tagħhom bdew jagħtu bejniethom. Qal li wara l-inċident huwa ttieħed fil-poliklinika ta' Ħal Qormi, u wara ttieħed l-isptar minħabba fil-ksur li kellu f'imnieħru u fi snienu. L-attur qal li din il-ġlieda wasslet għal proċeduri kriminali fil-konfront tal-partijiet u tan-nisa tagħhom, imma filwaqt li l-proċeduri mibdija kontra l-attur u martu twaqqgħu, il-kawża fil-konfront tal-konvenut baqgħet għaddejja għal għadd ta' snin. L-attur qal li minkejja li għaddew kważi disa' snin minn din il-ġlieda, huwa għadu qiegħed isofri l-konsegwenzi minħabba li ma jistax jieħu nifs sew minn imnieħru, filwaqt li snienu u partijiet minn ħalqu għadhom juġgħuh.

Flimkien mal-*affidavit* tiegħu l-attur ippreżenta għadd ta' rċevuti ta' spejjeż inkorsi minnu minħabba l-ġrieħi li sofra waqt l-inċident inkwistjoni[5]; għadd ta' ritratti li juru l-ġrieħi sofferti minnu u minn martu waqt l-inċident inkwistjoni[6]; kopja taċ-ċertifikat maħruġ miċ-ċentru tas-saħħa ta' Ħal Qormi ffirmat mit-

[5] *A fol*. 50 u 51 tal-proċess.
[6] *A fol*. 52, 53 u 54 tal-proċess.

tabiba Dr Ethel Farrugia li eżaminat lill-attur wara l-inċident[7]; u kopji ta' dokumenti b'dikjarazzjonijiet dwar id-dħul tal-attur fis-snin rilevanti.[8] L-attur ippreżenta wkoll prospett tad-danni materjali li hu jippretendi li sofra konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, flimkien mal-irċevuti relattivi.[9]

Fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2018 xehed **Mr Eric Farrugia**[10], li qal li hu konsulent tal-*ENT, Head and Neck* fl-Isptar Mater Dei. Ix-xhud qal li hu sar jaf lill-attur meta dan talbu jagħmillu ċertifikat minħabba fil-ġrieħi permanenti li dan allegatament kien sofra waqt inċident li seħħ fit-30 ta' April, 2009. Ix-xhud qal li huwa kien ikkonsulta n-notamenti tal-*file* mediku tal-attur, minn fejn irriżulta li fit-30 ta' April, 2009, l-attur kien iddaħħal l-isptar wara li allegtament qala' diversi daqqiet ta' ponn fuq wiċċu u ntilef minn sensih għal xi ħin. Ix-xhud qal li huwa eżamina lill-attur wara li dan beda jilmenta li ma jistax jieħu n-nifs sew, u minn dan l-eżami rriżulta li l-attur kien sofra ksur f'imnieħru li kkawżalu ħsara permanenti. Ix-xhud speċifika li sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu dwar il-perċentwal ta' debilità permanenti sofferta mill-attur, hu kien ħa konjizzjoni tal-istorja mogħtija lilu, u kien ħa konjizzjoni tal-*feasible findings* kif ukoll tad-*diagnostics,* flimkien mat-testijiet mediċi li saru fl-isptar:

> "Jiġifieri skont l-iskeda jien dħalt class 1 u spjegajt li hija bejn 1% u 9%, tinżel l-iskeda tan-nofs li jkun 5% mill-istorja hu qiegħed jgħid li għandu *blockage* imma jista' jimxi, jista' jagħmel attività, l-istorja hija dik li ngħidulha *mild,* m'għandux *dispia at rest,* iċ-*changes* kienu *incomplete or episodic* għax hu mhux il-ħin kollu għax mhux il-ħin kollu bilfors ibblukkat, allura waqqajtu minn 5 għal 3 u ġiet il-*percentage disability* tiegħu."

[7] *A fol.* 55 tal-proċess.
[8] *A fol.* 56 *et seq.* tal-proċess.
[9] *A fol.* 69 tal-proċess.
[10] *A fol.* 77 tal-proċess.

Ix-xhud ippreżenta dokument bil-kriterji li huwa applika sabiex wasal għall-perċentwal ta' diżabilità permanenti sofferta mill-attur.[11]

Waqt l-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2018 xehed **Saviour Theuma**, fil-kapaċità tiegħu ta' *senior principal* fl-uffiċċju legali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali[12], li ppreżenta kopji ta' dokumenti rigward ħlasijiet ta' pensjoni mħallsin lill-attur mis-sena 2008 sa dakinhar li x-xhud kien qiegħed jixhed.[13]

Fl-udjenza tad-19 ta' April, 2018 xehed **Dr John Attard Montalto**, dentist[14], li qal li l-attur ilu pazjent tiegħu għal diversi snin, u meta kien invistah wara l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, huwa kien ikkonstata li konsegwenza tal-inċident imsemmi l-attur kien tilef *a three-unit bridge* li kien għamillu x-xhud xi żmien qabel. Qal li din il-*bridge* kienet inqasmet minħabba fit-trawma li l-attur sofra f'wiċċu, u wara l-inċident l-attur kellu bżonn *four-unit bridge* sabiex tissewwa l-ħsara li dan sofra f'ħalqu.

Fl-*affidavit* tiegħu **Christopher Cuschieri**, iben l-attur, xehed[15] li missieru u ħuh kellhom kawża ċivili bejniethom minħabba li zijuh, il-konvenut f'dawn il-proċeduri, kien ippretenda li kellu jieħu somma flus mingħand missieru. Qal li darba minnhom missieru kellu jidher quddiem il-Qorti b'rabta mal-kawża ċivili bejn il-partijiet, u f'ħin minnhom missieru kien ċempillu u infurmah li ħuh kien ħebb għalih fil-bini tal-Qorti. Ix-xhud kompla jgħid li missieru talbu jmur il-Qorti malajr minħabba li kellu ħafna demm u kien storda. Qal li hu kien ħa lil missieru l-poliklinika ta' Ħal Qormi u wara li ġie invistat hemmhekk, ġie deċiż li dan kellu jintbagħat l-isptar, fejn kien dam rikoverat madwar tlett ijiem. Ix-

[11] *A fol.* 85 tal-proċess, *"Criteria for Rating Impairment due to Air Passage Deficits."*
[12] *A fol.* 86 tal-proċess.
[13] *A fol.* 90 *et seq.* tal-proċess.
[14] *A fol.* 96 tal-proċess.
[15] *A fol.* 101 tal-proċess.

xhud qal li mit-testijiet li saru fuq missieru l-isptar, irriżulta li dan kellu imnieħru miksur u kien ukoll tilef xi snien, flimkien ma' ġrieħi oħra li dan kellu f'wiċċu. Żied jgħid li wara l-ġlieda, missieru baqa' jbati biex jieħu n-nifs, u din il-problema wasslitu wkoll biex jieqaf mix-xogħol li kien jagħmel fl-għalqa. Ix-xhud qal ukoll li missieru qatt ma rranġa s-snien li tilef waqt il-ġlieda, u għalhekk għandu problem biex jomgħod u biex jiekol.

L-attur ippreżenta kopja ta' ittra uffiċjali li hu bagħat lil ħuh fit-12 ta' Mejju, 2017, li permezz tagħha interpellah sabiex jersaq għall-ħlas tad-danni sofferti minnu waqt dan l-inċident.[16]

Permezz ta' digriet tad-29 ta' Ottubru, 2018, il-Qorti ħatret lid-dentist **John Portelli** bħala espert mediku sabiex wara li jeżamina lill-attur, jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident imsemmi fir-rikors maħluf fuq saħħet l-attur u jekk konsegwenza tal-istess incident dan sofriex xi debilità permanenti u f'liema grad.[17]

Fl-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2019, xehed il-konvenut **Anthony Cuschieri**[18], li qal li fit-30 ta' April, 2009, hu u ħuh kellhom seduta l-Qorti b'rabta ma' xi flus li hu jallega li kellu jtih ħuh l-attur. Il-konvenut qal li wara s-seduta, huwa kien ntalab mill-avukat ta' ħuh biex jibqa' hemhekk bl-iskop li l-partijiet jiddiskutu pendenzi oħra li kellhom bejniethom, u żied jgħid li għal din il-laqgħa kien hemm preżenti l-partijiet bin-nisa tagħhom, u l-avukati difensuri tagħhom. Il-konvenut qal li f'ħin minnhom issemmiet is-somma ta' sebat elef Lira Maltin (LM7,000) li l-partijiet kellhom jagħtu lil ċertu Norman Vella, u dak il-ħin ħuh

[16] *A fol.* 102 tal-proċess.
[17] *A fol.* 115 tal-proċess.
[18] *A fol.* 120 tal-proċess.

qam bilwieqfa u beda juża kliem dispreġattiv fil-konfront tiegħu. Qal li hu kien qal lil ħuh ipoġġi bilqiegħda, imma anki hu uża kliem dispreġattiv fil-konfront ta' ħuh. Kien dak il-ħin, spjega l-konvenut, li mart l-attur daret fuq il-mara tiegħu u bdiet issawwatha bil-basket li kellha, filwaqt li anki ħuh qam u beda jerfa' jdejh fuq il-mara tal-konvenut. Ix-xhud qal li kien dak il-ħin li hu qam minn postu u mar viċin ħuh, fejn bdew jimbuttaw lil xulxin, u l-ġlieda eskalat. Il-konvenut qal li meta seħħ l-inċident, ħuh kellu madwar tlieta u sittin sena, imma qal li ma jafx jekk ħuh kienx jaħdem dak iż-żmien. Il-konvenut qal li ħuh kien ibati biz-zokkor qabel seħħ l-inċident, u kellu problem bis-snien ta' quddiem.

Waqt l-udjenza tat-8 ta' Frar 2019 xehdet **Mary Jane Cuschieri**[19], mart il-konvenut, li qalet li dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni, l-attur kien uża kliem dispreġattiv fil-konfront tar-raġel tagħha, u kien l-attur li beda jaggredixxi lir-raġel tagħha l-ewwel. Żiedet tgħid li meta l-partijiet komplew jitgħajru, qamet mart l-attur minn postha u din wkoll bdiet taggredixxi lill-konvenut, u wara xi ħin refgħet idejha fuqha, u l-partijiet bin-nisa tagħhom b'kollox bdew jiġġieldu, u x-xhud qalet li f'ħin minnhom hi saħansitra qalgħet daqqa ta' ponn mingħand l-attur. Ix xhud qalet li wara xi ħin hi u r-raġel tagħha ddeċidew li jitilqu 'l barra mill-bini tal-Qorti, imma mart l-attur bdiet tgħajjat warajhom u tgħajjarhom.

Waqt l-istess udjenza xehed ukoll **Geranzio Cuschieri**[20], li jiġi ħu l-partijiet, li qal li hu ma kienx preżenti dakinhar li seħħ l-inċident. Żied jgħid iżda li ħuh George Cuschieri spiss kien jilmenta għax kien ibati biz-zokkor, u li kien qiegħed isofri minn problem fi snienu, partikolarment għax kienu jiċċaqalqu.

[19] *A fol.* 130 tal-proċess.
[20] *A fol.* 135 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tat-13 ta' Marzu, 2019, xehed l-**Avukat Marco Ciliberti**[21], li qal li huwa kien preżenti meta seħħ l-inċident peress li kien qiegħed jippatroċina lill-konvenut fil-kawża l-oħra li kien hemm bejn il-partijiet, u meta spiċċat is-seduta li nżammet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, il-partijiet baqgħu bil-qiegħda flimkien mal-avukati tagħhom sabiex jippruvaw jittransiġu xi pendenzi li kellhom bejniethom dak iż-żmien. Ix-xhud qal li f'ħin minnhom George Cuschieri għamel mossa b'idejh, u kien hemmhekk li qamet ġlieda bejn il-partijiet. Ix-xhud qal li wara ftit tal-ħin huwa telaq mill-post fejn inqala' dan kollu, u kienet intalbet l-għajnuna tal-Pulizija u ta' xi Marixxalli li kienu preżenti fil-bini tal-Qorti, imma meta rritorna fuq il-post, huwa kien safa mhedded mill-attur. Ix-xhud żied jgħid li sa fejn jiftakar hu, l-ewwel li qam minn postu u instiga l-ġlied kien l-attur, imma għad-domandi li sarulu in kontroeżami wieġeb illi:

> "Jekk niftakar tajjeb, oltre din il-mossa li saret b'idejn George Cuschieri, idejh anke laħqet ħarġet lejn il-klijent tiegħi, però issa jekk tgħidli laqtux jew ma laqtux ngħidlek onestament ma nafx."

Il-kontroeżami tal-attur sar waqt l-udjenza tat-13 ta' Marzu, 2019[22], fejn ikkonferma li huwa jbati mill-kundizzjoni tad-dijabete u minħabba f'hekk fiż-żmien meta seħħ l-inċident, hu diġà kellu d-dentatura.

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Mejju, 2018, il-Qorti kienet ħatret lil **Mr Kenneth Muscat**, kirurgu fl-*ENT*, *head and neck,* sabiex wara li jeżamina lill-attur, jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident inkwistjoni fuq saħħet l-attur u jekk konsegwenza tal-istess incident, l-attur ġarrabx xi debilità permanenti u

[21] *A fol*. 143 tal-proċess.
[22] *A fol.* 152 tal-proċess.

f'liema grad.[23] Mr Kenneth Muscat ippreżenta r-relazzjoni tiegħu fit-3 ta' April, 2019, u f'din ir-relazzjoni kkonkluda li konsegwenza tal-inċident l-attur kien sofra debilità permanenti ta' tlieta fil-mija (3%).[24]

L-espert mediku **Mr John Portelli** ppreżenta r-rapport tiegħu fir-Reġistru tal-Qorti fis-27 ta' Novembru, 2019[25], fejn qal li huwa kien eżamina lill-attur, u kien ikkonsulta wkoll in-noti mediċi tad-diversi visti u eżamijiet li saru fuq l-attur wara l-inċident. Ix-xhud qal li d-dentist Dr John Attard Montalto kien ra lill-attur fl-4 ta' Mejju, 2009, erbat ijiem wara l-inċident, u miċ-ċertifikat ta' Dr Attard Montalto jirriżulta li apparti tbenġil f'wiċċu, l-attur kellu wkoll *three-unit bridge* li kellha xi ħsarat, bir-riżultat li snienu kienu qegħdin jiċċaqalqu. Ix-xhud kompla jgħid li skont iċ-ċertifikat maħruġ minn Dr Attard Montalto, l-attur kellu bżonn li l-*bridge* tinqala', li tinqala' s-sinna l-miksura, u li jsirlu *bridge* ġdid. Ix-xhud qal li meta tkellem mal-attur, dan kien infurmah li ma kienx għamel *bridge* ġdida minħabba fl-ispiża involuta. Dr Attard Montalto kien għamel stima li din tiġi tiswa madwar elf u mitejn Euro (€1,200). L-espert mediku maħtur ġudizzjarju Mr Portelli qal li l-*bridge* li kellu l-attur għandha tinqala' sabiex issirlu oħra ġdida. Qal li l-attur għandu l-għażla li jagħmel *implants* tas-snien, iżda minħabba l-problemi mediċi l-oħra li għandu l-attur dawn huma kontraindikati. Mr Portelli kkonkluda r-rapport tiegħu billi qal illi:

> "Fl-opinjoni tiegħi, meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha, ċioe l-età tas-Sur Cuschieri, il-kundizzjoni medika tiegħu, it-tip ta' *bridge* li trid issirlu u kemm mistennija taħt ċirkostanzi normali li tibqa' tiffunzjona, is-somma dovuta lis-Sur

---

[23] *A fol.* 155 tal-proċess.

[24] Fir-rapport tiegħu l-espert mediku ġudizzjarju Mr. Kenneth Muscat ikkonkluda li: "*there were no permanent cosmetic issues in this case but considering the factual components, I rate* ***Mr. George Cuschieri's permanent disability as a result of the nasal trauma that happened on 30th April 2009 at 3% from an ENT point of view****, based on the Guidelines to the Evaluation of Permanent Impairment of the American Medical Association, 6th Edition. The factor considered in reaching the 3% disability figure was Air Passage Deficit – Class 1 (pg. 267). Also considered was the document 'Legal Amendments for Civil Damages', suggested in 2010. (pg. 35).*"

[25] *A fol.* 160 tal-proċess.

George Cuschieri, għad-danni li sofra f'ħalqu biss, mingħand is-Sur Anthony Cuschieri, tammonta għal elf u sitt mitt Euro (€1,600)."

Fl-udjenza tat-12 ta' April, 2019, xehed l-espert mediku ġudizzjarju **Profs. John Portelli**[26], li qal li minkejja li huwa kien ikkonkluda li l-attur kellu ksur fi snienu, xi ħaġa li hija ta' natura permanenti minħabba li sinna miksura ma tista' qatt tiġi restawrata lura fl-istat li kienet fih qabel, madanakollu hemm mezzi artifiċjali kif dik id-diżabilità titnaqqas. Ix-xhud qal li fil-fehma tiegħu sinna miksura tammonta għal debilità permanenti ta' wieħed fil-mija (1%).

Fl-udjenza tal-5 ta' Ġunju, 2019, sar il-kontroeżami tal-konvenut **Anthony Cuschieri**[27], li qal li kien ħuh George li qam minn bilqiegħda u beda jagħmillu l-ponnijiet ma' wiċċu. Qal li dawn il-kwistjonijiet kienu jinqalgħu kull darba li l-partijiet kienu jiltaqgħu biex jiddiskutu fuq il-kumpannija li huma kellhom bejniethom, u wara xi argumenti bejnu u ħuh, il-mara ta' ħuh qamet minn bilqiegħda u xejret daqqa ta' basket lill-mara tiegħu. Qal li hekk kif il-mara tiegħu ppruvat tqum minn bilqiegħda, ħuh taha daqqa ta' ponn, u kif ra hekk hu qam minn bilqiegħda sabiex ħuh ma jkollux vantaġġ fuqu f'każ li jmur jaggredieh. Ix-xhud qal li mhux minnu li hu ta daqqa ta' ponn lil ħuh f'wiċċu, u żied jgħid li l-ksur li dan kellu f'imnieħru kien riżultat tal-fatt li dan kien waqa' għal wiċċu. Il-konvenut żied jgħid li kien ħuh li ta daqqa ta' ponn lill-mara tiegħu u wara ta daqqa ta' ponn oħra lilu. Qal ukoll li minkejja li l-mara tiegħu kienet sofriet xi ġrieħi, din ma ppreżentat l-ebda ċertifikat mediku f'dawn il-proċeduri. Qal li kemm hu kif ukoll ħuh bdew jimbuttaw lil xulxin minn sidirhom, u ħuh kien tfixkel fis-siġġu li kien warajh, u konsegwenza t'hekk, dan waqa' għal wiċċu.

---

[26] *A fol.* 166 tal-proċess.
[27] *A fol.* 171 tal-proċess.

## Konsiderazzjonijiet legali

Fl-ewwel lok il-Qorti trid tiddetermina jekk il-konvenut għandux jinstab responsabbli għad-danni sofferti mill-attur, tenut kont b'mod partikolari tal-verżjonijiet konfliġġenti mogħtija mill-partijiet dwar id-dinamika ta' kif seħħ l-inċident mertu tal-kawża. Il-Qorti tibda billi tagħmel riferiment għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Francesco Gauci *vs.* Salvatore Gauci**[28], fejn ġie stabbilit illi:

> "Danni kkaġunati fi ġlieda ma humiex danni kontrattwali, u lanqas akwiljani, imma huma danni konsegwenzjali għall-azzjoni kriminuża vera u proprja u għalhekk japplikaw il-prinċipji tad-dritt penali."

F'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Borg et *vs.* Joseph A. Bartolo**, dwar ċirkostanzi simili fejn il-partijiet taw verżjonijiet konfliġġenti dwar dak li kien għadda bejniethom, intqal illi:

> "F'ċirkostanzi bħal dawn il-Qorti għandha tiġi ggwidata mis-segwenti prinċipji:
>
> 1. Li tagħraf tirrikava korroborazzjoni li tista' tikkonforta t-teżi ta' naħa waħda jew oħra fost il-kontendenti. Dan bl-adoperu tas-soliti kriterji tal-kredibbilità u tal-verosimiljanza, in kwantu dawn huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Kollezz. Vol. L p. II pg. 440);
>
> 2. Li tara jekk huwiex il-każ li tapplika xi waħda minn dawn il-massimi, *'actore non probate reus absolvitur',* jew '*reus in excipiendo fit actor';* u
>
> 3. Fi kwistjoni ta' kredibbilità u apprezzament ta' provi l-kriterji mhumiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk dik l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn ewl id-dinja fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja."

[28] 30.11.1956

Il-Qorti semgħet lill-attur jispjega kif l-inċident li wassal għal dawn il-proċeduri seħħ fit-30 ta' April, 2009, wara li l-partijiet fil-kawża kellhom seduta quddiem Assistent Ġudizzjarju f'kawża oħra li l-partijiet kellhom bejniethom dwar allegati debiti li l-konvenut jippretendi li huma dovuti lilu mill-attur. Wara li spiċċat dik is-seduta, il-partijiet intalbu mill-avukati difensuri tagħhom sabiex jibqgħu bilqiegħda madwar il-mejda, u jiddiskutu l-possibilità ta' tranżazzjoni dwar kwistjoni oħra li l-partijiet kellhom bejniethom rigward kumpannija li t-tnejn li huma kienu involuti fiha, u kien dak il-ħin li ntqal diskors dispreġattiv mill-partijiet fil-konfront ta' xulxin. Kien dan id-diskors li wassal biex in-nisa tal-partijiet, li kienu preżenti ma' żwieġhom għal dik is-seduta, jibdew jitlewmu u ftit wara l-ġlied skala b'mod li l-konvenut u l-attur ġew fl-idejn ukoll. L-attur jgħid li l-aggressjoni li ġarrab kienet tali li konsegwenza tagħha hu waqa' mal-art, sofra ksur f'imnieħru u fi snienu, u għal xi ħin intilef minn sensih.

Tqis ukoll li l-konvenut sostna li kien ħuh George Cuschieri li uża kliem dispreġattiv fil-konfront tiegħu, u hu kien wieġbu lura. Il-konvenut allega wkoll li kienet mart l-attur li aggrediet lill-mara tiegħu, u kien ħuh li refa' jdejh l-ewwel, u kulma għamel hu kien li pprova jipproteġi lilu nnifsu minn dawk id-daqqiet.

Il-Qorti qieset il-provi kollha miġjuba, partikolarment ix-xhieda tal-esperti mediċi li lkoll ikkonfermaw li wara l-inċident, l-attur kellu ksur f'imnieħru u fi snienu, u li dawn il-feriti huma kompatibbli ma' daqqiet fil-wiċċ. Il-konvenut xehed li l-attur sofra dawk it-tip ta' ġrieħi wara li waqa' għal wiċċu minħabba li tfixkel f'xi siġġijiet li kien hemm warajh. Mill-provi rriżulta li l-attur kellu diversi ġrieħi, fosthom tbenġil f'wiċċu, sinna miksura u ksur f'imnieħru, liema ġrieħi

huma kompatibbli ma' diversi daqqiet f'partijiet differenti tal-wiċċ, u mhux ma' waqgħa. Mart il-konvenut xehdet li hija u żewġha telqu mill-bini tal-Qorti wara li seħħ dan kollu, iżda min-naħa l-oħra jirriżulta li l-attur kellu bżonn iċempel lil ibnu u jitlob l-assistenza tiegħu sabiex seta' jinħareġ mill-bini tal-Qorti. Irid jintqal ukoll li f'dawn il-proċeduri, la l-konvenut u lanqas martu ma ppreżentaw xi ċertifikat mediku jew xi prova indipendenti oħra tal-ġrieħi li huma jallegaw li sofrew konsegwenza tal-aggressjoni tal-attur u martu fuqhom.

Anki jekk id-deċiżjoni li sejra tingħata f'din il-kawża, hija għalkollox indipendenti mid-deċiżjoni li ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali, madanakollu l-atti tal-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tal-konvenut jikkostitwixxu prova f'din il-kawża, tant hu hekk illi l-atti proċesswali tal-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Anthony Cuschieri**, ġew allegati mal-atti tal-kawża odjerna. Fil-forum penali, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali li l-konvenut kien eċċeda l-limiti tal-imġiba xierqa meta ħa l-liġi b'idejh, u uża vjolenza fil-konfront ta' ħuh, u in vista ta' dan ikkundannatu għal sentenza ta' tmintax-il xahar priġunerija, sospiżi għal tliet snin, filwaqt li ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-attur.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għad-danni sofferti mill-attur, għax kien minħabba l-aġir irresponsabbli u xejn meqjus tiegħu li l-attur sofra d-danni li ġarrab.

*Damnum Emergens:*

L-attur esebixxa diversi rċevuti rigward spejjeż li kellu jagħmel b'konsegwenza tal-imsemmi inċident, fosthom il-ħlas tal-konsulta lil Mr Eric J. Farrugia[29], l-istima li saret mid-dentist John Attard Montalto rigward l-ispejjeż li l-attur jeħtieġlu jagħmel sabiex jagħmel *bridge* ġdid fi snienu[30], kif ukoll diversi *invoices* għall-ħlas li l-attur kellu jagħmel għal servizzi legali meta kien *parte civile* fil-kawża **Il-Pulizija *vs.* Anthony Cuschieri**.[31] Il-Qorti tqis li l-ispejjeż legali li l-attur seħħlu jipprova li ġew inkorsi minnu bħala *parte civile* fl-imsemmija proċeduri kriminali, għandhom jiġu kkalkolati bħala parti mid-danni materjali sofferti minnu.

Il-Qorti kkonsidrat ukoll ix-xhieda tal-espert mediku ġudizzjarju Mr John Portelli, li xehed li l-ispiża marbuta mal-*bridge* li għandu bżonn jagħmel l-attur taf tlaħħaq l-elf u sitt mitt Euro (€1,600). Waqt is-smigħ tal-kawża ġie stabbilit li l-attur ma inkorriex dawn l-ispejjeż għax baqa' m'għamilx il-*bridge* li għandu bżonn, imma l-attur xehed li huwa ma kellux il-mezzi finanzjarji biex jagħmel din l-ispiża. Il-Qorti tqis li dawn l-ispejjeż li l-attur għandu bżonn jagħmel biex jerġa' jsirlu l-*bridge* li tkisser, għandhom jiġu inklużi fil-komputazzjoni tad-danni materjali.

Jirriżulta mill-provi li t-total tad-danni materjali sofferti mill-attur f'dan l-inċident huwa ta' ħamest elef u sitta u erbgħin Euro u għoxrin ċenteżmu (€5,046.20).

---

[29] *A fol.* 50 tal-proċess - €180.

[30] Valutazzjoni *a fol.* 51 tal-proċess - €1,200.

[31] *A fol.* 61 sa 68 tal-proċess. L-irċevuti huma għall-ħlas ta' €35.40, €100, €23.60, €23.60, €23.60, €1,000, €1,360 u €1,100, kif speċifikat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur. It-total ta' spejjeż marbuta ma' servizzi legali huwa ta' tliet elef, sitt mija u sitta u sittin Euro u għoxrin ċenteżmu (€3,666.20).

*Lucrum Cessans:*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[32], intqal:

> "… il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[33], inkiteb illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Il-Qorti tirrileva li għad illi fiż-żmien meta seħħ l-inċident inkwistjoni l-attur kien diġà pensjonant, dan ma jfissirx li huwa m'għandux jiġi kkumpensat għat-telf ta' qligħ futur, partikolarment in vista tal-fatt li meta seħħ l-inċident l-attur kellu l-età ta' tlieta u sittin sena, u għalhekk jekk ried jaħdem bi qligħ, huwa seta' jagħmel dan. Għall-finijiet tal-komputazzjoni li trid tagħmel b'rabta mat-telf ta' qligħ futur tal-attur, il-Qorti sejra tieħu d-dħul li kellu l-attur matul

[32] P.A., 18.02.2013.
[33] P.A., 27.04.2005.

s-sena ta' qabel seħħ l-inċident, l-2008, fejn mid-dokumenti esebiti mix-xhud Saviour Theuma, jirriżulta li l-attur kellu dħul totali ta' €8,820.56. Dan id-dħul tal-attur għas-sena 2008 irid jiġi aġġustat abbażi tal-għoli tal-ħajja[34] għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[35]*,* sabiex b'hekk id-dħul bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €8,820.56 + €9,243.95/ 2 = €9,032.25. Huwa dan l-ammont li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li fil-każ ta' persuni li qabżu l-età ta' sittin sena, il-*multiplier* li għandu jiġi adottat huwa ta' 5. F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**[36], inkiteb:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler *vs* Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> ...
>
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler *vs* Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma

[34] F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi: "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*."

[35] F'sentenza tal-Qorti tal-Appell fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti qalet illi: "[m]eta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37% (2017) ÷ 5= 0.96%}.

[36] P.A., 10.05.2005.

magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Fil-każ odjern ġie stabbilit mill-espert mediku ġudizzjarju Mr Kenneth Muscat, li mil-lat ta' ENT dan għadu qiegħed isofri minn debilità permanenti fil-grad ta' 3%, u l-espert ġudizzjarju Mr John Portelli, xehed li mil-lat dentali l-attur għandu debilità permanenti dentali ta' 1% minħabba s-sinna miksura li ma tista' qatt tiġi restawrata lura għall-istat li kienet fih qabel. Il-Qorti għandha tieħu *weighted average* bejn dawn iż-żewġ gradi ta' debilità permanenti ffissati b'mod indipendenti minn xulxin mill-esperti mediċi ġudizzjarji, sabiex tasal għall-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attur. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal dak li ġie stabbilit fis-sentenza fl-ismijiet **Brian Micallef *vs.* Brian Tyre Services Ltd et**[37], fejn sar riferiment għall-awtur **Guido Gentile** li fil-ktieb tiegħu *'Problemi insaliti nella valutazione del danno della persona'* (ediz 1951, pg. 296) jgħid:

*"la valutazione del danno in caso di lesioni multipli non risulta della somma dei coefficienti delle singole lesioni, sebbene da un coefficienti unico, rapportato, nel suo insiene, all'entità unitaria dell individuo."*

Il-Qorti fl-istess sentenza qalet ukoll li:

"hu għalhekk li l-average irid jittieħed tal-perċentaġġi reali, dawk jiġifieri, li jirriflettu l-valur ta' menomazzjoni li (lill-attriċi) jillimitaha f'xogħolha."

Huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li f'każ bħal dan, wieħed m'għandux jgħodd flimkien iż-żewġ rati ta' diżabilità permanenti hekk kif stabbiliti mill-esperti medici, iżda għandu jigi applikat dak magħruf bħala l-

[37] Q.A., 31.01.2014.

*weighted average".* Meta l-Qorti tgħaddi biex tikkomputa d-diżabilità permanenti totali, din trid tigi kkunsidrata fir-rigward tal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni *a priori* li l-multipliċità ta' feriti jiġu komputati komplessivament.[38] Bil-*"weighted average"* għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat.[39] Dak li jrid jiġi stabbilit mhuwiex il-grad ta' inkapaċità fis-sens purament mediku, iżda l-effetti li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ jew il-ħidma tal-attur danneġġjat.[40] Madankollu mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħna, jidher li l-mod kif jinħadem il-*weighted average* jitħalla interament fid-diskrezzjoni tal-Qorti ta' dak li tqis li huwa xieraq u ġust fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Fil-każ odjern jirriżulta li konsegwenza tal-inċident inkwistjoni l-attur qiegħed isofri kemm minn debilità permanenti fiżika ta' 3% mil-lat ta' ENT u anki minn debilità permanenti ta' 1% mil-lat dentali. Skont il-formula matematika ġeneralment aċċettata għall-komputazzjoni tal-*weighted average*[41]*,* din twassal għal rata ta' 3.97%.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin

---

[38] **Degiorgio *vs.* De Crema**, P.A., 28.01.2004, u **Josef Farrugia vs. Thomas Tanti**, P.A., 07.07.20014.
[39] **Cassar Pullicino noe et *vs.* Xuereb et,** P.A., 20.02.2009.
[40] **Frendo *vs.* Cachia**, P.A., 20.04.2009.
[41] Ara Regolament 3 tad-*Draft Regulations for Assessment of Damages for Death or Incapacity - "Assessment Regulations"* tal-2010 maħruġa mill-Ministeru responsabbli għall-Ġustizzja:

(100 - M) x m
------------------ +M
100

'M' tirrappreżenta l-ogħla rata ta' diżabilità;
'm' tirrappreżenta l-aktar rata baxxa ta' diżabilità.

bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Huwa minnu li l-każ inkwistjoni ilu li seħħ għaxar snin, fl-2009, iżda l-proċeduri odjerni nfetħu biss wara li ġew fi tmiemhom il-proċeduri kriminali bejn il-partijiet fis-sena 2018, u għalhekk ma jistax jintqal li xi parti jew oħra fil-kawża għamlet xi manuvri li permezz tagħhom tawlet inutilment dawn il-proċeduri.

Is-salarju medju ta' €9,032.25 x *multiplier* ta' 5 x 3.97% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għaċ-ċifra ta' €1,792.90, li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi elf, erba' mija u erbgħa u tletin Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€1,434.32). Dan huwa l-*lucrum cessans* li ser jiġi likwidat mill-Qorti, sabiex b'hekk id-danni totali li għandhom jitħallsu mill-konvenut Anthony Cuschieri lill-attur huma ta' sitt elef, erba' mija u tmenin Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€6,480.52).

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-attur u tiddikjara li l-konvenut Anthony Cuschieri huwa responsabbli għall-ġrieħi sofferti mill-attur fil-ġlieda li seħħet fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja fit-30 ta' April, 2009;**

3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta’ sitt elef, erba’ mija u tmenin Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€6,480.52)**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut Anthony Cuschieri.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**